

Brussell, 22 ta' April 2026
(OR. en)

8450/26

EF 124
ECOFIN 509
DELECT 74
ENV 391
SUSTDEV 30

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2495 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.4.2026 li jissupplimenta r-Regolament 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u s-salvagwardji li għandhom jiġu implimentati mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG biex jisseparaw l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom mill-attivitajiet l-oħra tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2495 final.

Mehmuż: C(2026) 2495 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2026
C(2026) 2495 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.4.2026

li jissupplimenta r-Regolament 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u s-salvagwardji li għandhom jiġu implimentati mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG biex jisseparaw l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom mill-attivitajiet l-oħra tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG) għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, billi (i) itejjeb it-trasparenza tal-karatteristiċi u l-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet ESG, u billi (ii) jiżgura aktar integrità tal-operazzjonijiet tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG u l-prevenzjoni tar-riskji ta' kunflitt ta' interess fil-livell tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG.

L-Artikolu 16(5) tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG jirrikjedi li l-ESMA tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika d-dettalji tal-miżuri u s-salvagwardji li għandhom jiġu implimentati fir-rigward tad-deroga mir-rekwiżit tas-separazzjoni tan-negozju u fir-rigward ta' miżuri addizzjonali li jiżguraw li fil-każ tad-deroga kull attività tiġi eżerċitata b'mod awtonomu u ma toħloqx kunflitti ta' interess reali jew potenzjali.

Speċifikazzjoni ulterjuri tal-miżuri u s-salvagwardji mhux se twassal għal żieda sostanzjali fil-kostijiet meta mqabbla mal-istima mħejjija għall-proposta. Il-kost tal-istandards tekniċi regolatorji stmat mill-ESMA huwa konformi mal-istimi li saru fil-VI.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (ir-Regolament ESMA), l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji f'Mejju 2025. Il-konsultazzjoni pubblika għalqet fl-20 ta' Ġunju. B'kollox waslu 57 tweġiba minn varjetà wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati inklużi parteċipanti fis-swieq finanzjarji, assoċjazzjonijiet tal-industrija, akkademiċi, fornituri tal-klassifikazzjoni u partijiet interessati oħra. Ir-Rapport Finali tal-ESMA dwar l-Istandards tekniċi skont ir-Regolament dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza ġie ppreżentat lis-servizzi tal-Kummissjoni fit-13 ta' Ottubru 2025.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jistabbilixxi li l-fornituri kollha ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jistabbilixxu strutturi organizzazzjonali u ambjenti tax-xogħol għall-impjegati u għal persuni oħra involuti fil-proċess ta' klassifikazzjoni li huma separati minn kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG, u jissoġġettawhom għal awtodikjarazzjonijiet regolari li jiċċertifikaw in-nuqqas ta' involviment tal-impjegati f'tali attivitajiet.

L-Artikolu 2 jipproponi li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG li beħsiebhom jipprovdu servizzi ta' investment u/jew attivitajiet ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni jimplimentaw miżuri tekniċi u ta' kontroll intern addizzjonali.

L-Artikolu 3 jipprevedi li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG li għandhom l-intenzjoni li jipprovdu parametri referenzjarji, jew li jipprovdu tali parametri referenzjarji, għandhom jadottaw salvagwardji speċifiċi addizzjonali li jiżguraw li l-kumpens tal-impjegati jibqa' mhux affettwat minn kunflitti ta' interess relatati ma' attivitajiet ta' parametri referenzjarji, li l-klassifikazzjonijiet ESG jiġu prodotti u offruti indipendentement mill-forniment ta' parametri referenzjarji, u li kwalunkwe kunflitt ta' interess reali jew potenzjali jiġi vvalutat u

ddokumentat qabel ma jidħlu f'kuntratt għall-forniment ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.4.2026

li jissupplimenta r-Regolament 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u s-salvagwardji li għandhom jiġu implimentati mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG biex jisseparaw l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom mill-attivitajiet l-oħra tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(5), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kunflitti ta' interess li jistgħu jirriżultaw meta l-impjegati tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jkunu involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni tal-elementi kklassifikati kellhom ikunu involuti fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1), il-punti (c), (d), jew (f), tar-Regolament (UE) 2024/3005, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) jiżguraw li tali persunal kritiku jkollu rwoli u responsabbiltajiet delineati b'mod ċar u jiġi assenjat lil strutturi distinti fi ħdan il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG. Sabiex jiġi evitat il-fluss involontarju ta' informazzjoni sensittiva fi ħdan strutturi jew oqsma tan-negozju u attivitajiet differenti, jenħtieġ li daww il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG japplikaw ukoll miżuri ta' separazzjoni fiżika, inkluż l-assenjazzjoni ta' spazji tax-xogħol iddedikati lill-analisti tal-klassifikazzjoni, biex jisseparaw fiżikament lil tali persunal mill-impjegati tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li huma involuti fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005.
- (2) Għall-istess raġuni, jenħtieġ li daww il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG diġà involuti jew li beħsiebhom jinvolvu ruħhom f'servizzi u f'attivitajiet ta' investiment, f'attivitajiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew f'attivitajiet tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jkollhom fis-seħħ miżuri addizzjonali fil-forma ta' sigurtà tal-informazzjoni u kontrolli relatati man-network, politiki u proċeduri interni, taħriġ, miżuri kuntrattwali u kontrolli tal-monitoraġġ tal-konformità, inkluż ir-rieżami tal-komunikazzjonijiet tal-impjegati involuti fil-proċess ta' valutazzjoni ta' element ikklassifikat.
- (3) Sabiex jiġu identifikati kunflitti ta' interess attwali jew potenzjali, fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jkollu l-ħsieb li jipprovdi parametri referenzjarji permezz

¹ ĠU L, 2024/3005, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3005/oj>.

tal-istess entità ġuridika jenħtieġ li jkollu fis-seħħ salvagwardji addizzjonali fir-rigward tar-remunerazzjoni u l-arranġamenti ta' kumpens tal-impjegati jew ta' persuni oħra li huma involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni, fil-produzzjoni u fl-offerta ta' klassifikazzjonijiet ESG, u fl-arranġamenti prekontrattwali.

- (4) Peress li dan ir-Regolament jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005, li japplika mit-2 ta' Lulju 2026, huwa xieraq li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal dik id-data.
- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.
- (6) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament u analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri u salvagwardji li għandhom jittieħdu mill-fornituri tal-klassifikazzjoni ESG li jipprovdu, jew li beħsiebhom jipprovdu, kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005

Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) li jipprovdu, jew li beħsiebhom jipprovdu, kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1), tar-Regolament (UE) 2024/3005 għandhom:

- (a) ikollhom fis-seħħ proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet u strutturi organizzazzjonali, b'linji ta' rapportar speċifiċi u allokkazzjoni speċifika ta' funzjonijiet u responsabbiltajiet, li jiżguraw li l-impjegati involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni ta' element ikklassifikat ma jkunu involuti fl-ebda waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005;
- (b) jimplementaw miżuri ta' separazzjoni fiżika għall-impjegati u għal persuni oħra involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni ta' element ikklassifikat u għall-persunal li jipprovdi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005 b'mod li jissalvagwardja l-indipendenza u l-imparzjalità tal-impjegati u ta' persuni oħra involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni ta' element ikklassifikat;
- (c) jiżguraw li l-impjegati u persuni oħra involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni ta' element ikklassifikat jissottomettu darba kull 12-il xahar awtodikjarazzjoni li tiddikjara li mhumiex involuti fl-għoti ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

Artikolu 2

Miżuri u salvagwardji fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 16(1), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE) 2024/3005

1. Meta jkunu involuti fl-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 16(1), il-punti (d) jew (f), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jimplementaw il-miżuri u s-salvagwardji li ġejjin:
 - (a) kontrolli diġitali li jipprevedu aċċess ibbażat fuq ir-rwol;
 - (b) kontrolli tal-informazzjoni li jippermettu metodi tal-immarkar tal-ilma u livelli ta' klassifikazzjoni tad-data;
 - (c) politiki u proċeduri għall-ġestjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali;
 - (d) taħriġ regolari tal-impjegati dwar l-importanza tal-ostakli għall-informazzjoni;
 - (e) obbligi kuntrattwali li jirrikjedu li l-impjegati jikkonformaw mal-politiki interni matul l-impjeg tagħhom;
 - (f) attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità biex jiġu identifikati kunflitti ta' interess.
2. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jivvalutaw jekk il-miżuri u s-salvagwardji implimentati skont il-paragrafu 1 humiex adegwati għall-finijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament 2024/3005 mill-inqas darba kull 24 xahar. Meta dik il-valutazzjoni tkun negattiva, il-korp maniġerjali għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju.

Artikolu 3

Miżuri speċifiċi u addizzjonali li għandhom jittieħdu mill-fornituri tal-klassifikazzjoni ESG li jipprovdu, jew li beħsiebhom jipprovdu, attivitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 16(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2024/3005

Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005 mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq biex jiprovdu parametri referenzjarji għandhom jimplementaw, minbarra l-miżuri u s-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 2, dawn kollha li ġejjin:

- (a) miżuri li jiżguraw li l-arranġamenti ta' kumpens u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni applikabbli għall-impjegati u għal persuni oħra involuti direttament fil-proċess ta' valutazzjoni ta' element ikklassifikat ma jiġux affettwati minn kunflitti ta' interess reali jew potenzjali li joriġinaw mill-involvement tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG fl-attività tal-forniment tal-parametri referenzjarji;
- (b) arranġamenti biex jiġi żgurat li l-produzzjoni u l-offerta tal-klassifikazzjonijiet ESG ma jiddependux fuq użu mekkanistiku tal-kostitwenti jew tal-output ta' parametru referenzjarju li għalih il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ikun l-amministratur;
- (c) valutazzjoni dokumentata ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali qabel ma l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jidħol f'kuntratt għall-forniment ta' servizzi għal:
 - (a) element ikklassifikat;
 - (b) emittent ta' element ikklassifikat;
 - (c) investitur li jkollu relazzjoni ta' klijent stabbilita mal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jew, fejn applikabbli, ma' membru tal-grupp tiegħu.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.4.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN